



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13998/22

LIMITE

COPS 486
POLMIL 245
CFSP/PESC 1406
CSDP/PSDC 686

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Linji Gwida tal-Kunsill għall-Fidma tal-EDA fl-2023

LINJI GWIDA TAL-KUNSILL GĦALL-ĦIDMA TAL-EDA FL-2023

1. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut mogħti mill-EDA fl-2022 fid-dawl tal-implimentazzjoni koerenti tal-inizjattivi tad-difiża tal-UE b'appoġġ għal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, biex b'hekk tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE u l-kapaċità tagħha li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà u tissaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-attivitajiet tal-Aġenzija huma implimentati f'konformità mal-Qafas ta' Ppjanar għal tliet snin maqbul, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva u dettaljata tal-ħidma tal-Aġenzija.
2. Bil-ħsieb li jissaħħaħ aktar l-ippjanar u l-iżvilupp koerenti tal-kapaċitajiet mill-Istati Membri, il-Kunsill jappella lill-Aġenzija tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika, b'mod partikolari l-oġġettivi maqbula taħt il-kapitolu Invest, inkluż il-laqqhat ministerjali annwali tad-difiża dwar l-inizjattivi tad-difiża tal-UE li jindirizzaw l-iżvilupp tal-kapaċitajiet.
3. Il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija, taħt il-gwida tal-Bordijiet ta' Tmexxija u bħala l-istrument intergovernattiv ewlieni ta' prijoritizzazzjoni fil-livell tal-UE biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, tkompli tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri parteċipanti. Huwa jfakkar ukoll li l-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE, li ġejjin mill-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP), li jieħdu kont tan-nuqqasijiet fil-kapaċità militari tal-PSDK, il-kapaċitajiet fit-tul u x-xejriet teknoloġiċi, il-pjanijiet ta' difiża tal-Istati Membri, u t-tagħlimiet meħuda mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, iservu bħala referenza ewlenija għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-UE biex jinkiseb il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Din il-ħidma hija kkomplementata mill-Aġenda Strateġika Globali tar-Riċerka (OSRA) u l-Attivitajiet Strateġiċi Ewlenin (KSA).

4. Huwa jilqa' wkoll il-passi konkreti meħuda mill-Aġenzija biex tappoġġa lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu użu sħiħ, fl-ippjanar tad-difiża nazzjonali tagħhom, mis-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ippreżentati fir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD) tal-2020 u l-2022. Iż-żewġ rieżamijiet tal-CARD ipprovdew ħarsa ġenerali komprensiva tax-xenarju Ewropew tad-difiża u identifikaw b'mod ċar l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, ir-riċerka u t-teknoloġija (R&T), l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża, u d-dimensjoni operazzjonali.
5. Bil-għan li tinbena firxa sħiħa ta' kapaċitajiet aktar koerenti, interoperabbli, skjerabbli u sostenibbli, f'konformità mal-prinċipju ta' ġabra waħda ta' forzi li l-Istati Membri jistgħu jużaw f'oqfsa differenti, il-Kunsill ihegġegħ lill-Aġenzija tikkontribwixxi aktar għat-tisħiħ tal-ippjanar koerenti tal-kapaċitajiet, l-iżvilupp, il-prijoritizzazzjoni u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha:
- a) f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EUMC u l-EUMS, tiffinalizza r-reviżjoni tas-CDP billi tieħu kont tal-gwida politika pprovduta fil-Boxxla Strateġika, li tirrifletti kemm jista' jkun it-tagħlimiet osservati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u b'kont meħud tal-gwerra ta' intensità għolja, filwaqt li tqis ukoll oqsma ġodda biex tiġi żgurata l-effettività operazzjonali tal-UE fl-għaxar snin li ġejjin u lil hinn minnhom, f'koerenza fir-riżultat u l-evitar ta' duplikazzjoni mhux meħtieġa mal-proċessi tan-NATO;
 - b) tappoġġa lill-Istati Membri biex ikomplu jimplimentaw il-Prijoritajiet ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE li jirriżultaw mis-CDP, u mmexxija mill-Każijiet ta' Kuntesti Strateġiċi (SCC) inkluż id-dimensjoni operazzjonali, b'mod kollaborattiv u fil-meded ta' żmien kollha għall-ippjanar tal-kapaċitajiet (terminu qasir, medju u twil), inkluż id-dimensjonijiet teknoloġiċi u industrijali;
 - c) tkompli tgħin lill-Istati Membri parteċipanti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ipprovduti fir-Rapporti tal-CARD tal-2020 u l-2022, b'mod partikolari fit-tnejn konġunta tal-perspettiva tal-ippjanar li jmiss (lil hinn minn nofs dan id-deċennju), abbażi tal-Analiżi Aggregata tal-CARD u l-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investment fid-Difiża, inkluż id-Dokument ta' Orjentazzjoni;

- d) tibda t-tħejjija għaċ-ċiklu li jmiss tal-CARD fl-2023-2024 u tappoġġa l-attivitajiet tal-Istati Membri parteċipanti biex imexxu 'l quddiem l-Oqsma ta' Fokus, estiżi kif propost fir-Rapport tal-CARD tal-2022, kif ukoll l-opportunitajiet kollaborattivi għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet u r-Riċerka u t-Teknoloġija, inkluż fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), u b'hekk tittejjeb ukoll l-effettività operazzjonali tal-UE;
- e) tikkontribwixxi aktar għall-implimentazzjoni tal-PESCO bħala parti mis-segretarjat tal-PESCO u f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi l-PESCO, b'kont meħud tal-eżitu tar-Rieżami Strateġiku tal-2020 tal-PESCO. Dan jinvolvi, fuq talba tagħhom, appoġġ kontinwu lill-Istati Membri parteċipanti tal-PESCO biex jirfinaw il-proposti tagħhom għal proġetti kif ukoll biex jiksibu riżultati konkreti – b'mod partikolari għal daww il-proġetti tal-PESCO ppjanati li jilhqqu kapaċità operazzjonali sħiħa qabel tmiem it-tieni fażi tal-PESCO fl-2025. Barra minn dan, l-EDA għandha tgħin ukoll lill-Istati Membri parteċipanti, fuq talba tagħhom, jissimplifikaw u jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-proġetti tal-PESCO;
- f) tipprovdi l-fehmiet u l-għarfien espert tagħha lill-Kumitat tal-Programm tal-EDF f'konformità mar-regolamentazzjoni rilevanti u żżomm djalogu mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari biex trawwem il-konsistenza tal-programm ta' ħidma u l-attivitajiet tal-EDF mal-Prijoritajiet ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE maqbula, is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-proġetti PESCO u tal-CARD;
- g) tappoġġa lill-Istati Membri fil-kuntest tal-EDF matul il-fażi ta' implimentazzjoni, wara l-approvazzjoni b'suċċess tal-EDA bħala sieħeb ta' implimentazzjoni eliġibbli għall-ġestjoni indiretta tal-EDF sa Marzu 2026; tkompli tesplora l-possibbiltajiet li tottimizza l-kontribut tal-Aġenzija għall-adozzjoni tar-riżultati tal-proġetti ffinanzjati mill-EDF.

6. Il-Kunsill jappella lill-Aġenzija tkompli tappoġġa lill-Istati Membri parteċipanti, fuq talba tagħhom, fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-ottimizzazzjoni ta' proġetti u attivitajiet fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet, ir-riċerka u t-teknoloġija u l-faċilitaturi kritiċi (eż. l-istandardizzazzjoni, l-ittestjar u l-evalwazzjoni tad-difiża), inkluż daww iġġenerati fil-kuntest tal-PESCO u l-EDF.

7. Il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu tal-ġhodod għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet u l-inċentivi eżistenti tal-UE, b'mod partikolari billi tiffoka fuq il-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni li jmiss, inkluż fil-livell tas-sistema u s-sottosistema, kif ukoll it-teknoloġiji emerġenti u fixkiela (EDTs) għall-applikazzjonijiet tad-difiża, u tibni fuq il-ħidma relatata mal-Pjan ta' Azzjoni tal-EDT u fuq proċessi eżistenti bħas-CDP, l-OSRA, il-KSA.
8. Il-Kunsill jilqa' l-istabbiliment ta' Ċentru ta' Innovazzjoni fid-Difiża (HEDI) fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, li jgħaqqad flimkien l-EDA ma' strutturi oħra tal-UE, kif ukoll istituzzjonijiet u entitajiet nazzjonali inkarigati mill-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża madwar l-Ewropa. Il-Kunsill jappella għal aktar żvilupp tal-HEDI f'approċċ gradwali, li jiżgura s-sorveljanza tal-Istati Membri parteċipanti tul il-proċess kollu, billi jinforma regolarment lill-Bordijiet ta' Tmexxija kollha dwar l-istat u l-progress tal-HEDI, u jistieden lill-EDA taħdem fi sħubija sħiħa mal-Kummissjoni, tisfrutta s-sinerġiji mal-flussi ta' ħidma relatati tagħha, u l-koerenza fir-riżultat mal-inizjattivi ta' innovazzjoni tan-NATO, u tagħmel użu aħjar mill-potenzjal ta' innovazzjoni li jeżisti fl-EDTIB u lil hinn minnha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija tkompli tiżgura djalogu strutturat u involviment mal-industrija tal-Istati Membri fl-Unjoni kollha, inkluż intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja u istituzzjonijiet ta' riċerka, u d-dinja akkademika, skont kif ikun xieraq.
9. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Aġenzija tidentifika u tkompli tikkontribwixxi għall-aspetti marbutin mad-difiża tal-politiki usa' tal-UE, f'konformità mal-kompiti tal-Bord ta' Tmexxija tal-EDA (bħalissa dawn jinkludu l-mobbiltà militari, iċ-ċibernetika, it-theddid ibridu, l-ispazju, is-settur marittimu, l-Ajru Uniku Ewropew, l-intelliġenza artifiċjali, kif ukoll REACH¹, l-Enerġija u l-Ambjent, l-Ekonomija Ċirkolari fid-Difiża u t-tibdil fil-klima). Huwa jheghegħ ukoll lill-EDA tappoġġa b'mod attiv, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, id-dibattitu dwar il-kriterji "Ekonomiċi, Soċjali u ta' Governanza" (ESG), biex timmonitorja r-regolamenti assoċjati tal-UE li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-aċċess tas-settur tad-difiża għas-servizzi finanzjarji, u biex tirrapporta lura f'konformità mad-deċiżjoni SB 2022.

¹ Ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi

10. Bl-istess mod, il-Kunsill jistieden lill-EDA tikkontribwixxi b'mod attiv għall-aġġornament li jmiss tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha, fl-iżvilupp ta' Strateġija Spazjali ġdida tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża, u qafas ta' politika dwar il-Klima u d-Difiża.
11. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Politika l-ġdida dwar iċ-Ċiberdifiża.
12. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-Aġenzija tagħti segwitu għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari 2.0 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2018, inkluż permezz taż-żewġ programmi ad hoc tal-EDA relatati mal-proċeduri ta' permessi għal movimenti transfruntiera u d-dwana, li jinvolvu wkoll sforzi għad-diġitalizzazzjoni tal-attivitajiet doganali relatati mas-settur militari. F'konformità ma' dan, il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija twettaq l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-qasam ta' fokus tal-CARD dwar "Mobbiltà Militari Msaħħa", b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa għal reżiljenza mtejba, kapaċitajiet ta' trasport strateġiku, u loġistika.
13. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma miksuba fil-kuntest tat-Task Force ta' Akkwist Konġunt għad-Difiża, b'mod partikolari fil-valutazzjoni tal-ħtiġijiet urġenti u kritiċi tal-Istati Membri, il-Kunsill ihegġegħ lill-Aġenzija tagħmel użu sħiħ mill-qafas legali, l-esperjenza u l-għarfien espert tagħha, u biex tesplora opportunitajiet mal-Istati Membri interessati u tappoġġahom, jekk dan jintalab, fit-twettiq ta' akkwist konġunt ta' tagħmir militari meħtieġ b'mod urġenti.
14. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Aġenzija tkompli tesplora u, taħt il-gwida tal-Bord ta' Tmexxija, tiżviluppa l-provvista ta' servizzi lill-Istati Membri, kif ukoll lil istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-UE, għal missjonijiet u operazzjonijiet militari u ċivili tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), filwaqt li tibni fuq l-attivitajiet li għaddejjin bħalissa f'oqsma bħall-komunikazzjoni bis-satellita, l-evakwazzjoni medika bl-ajru jew l-għarfien tas-sitwazzjoni marittima u ċ-ċibernetika (eż. seminars dwar is-Sensibilizzazzjoni/l-Iġjene Ċibernetika/ eċċ.). Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-Aġenzija tqis kooperazzjoni aktar mill-qrib maċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN), fejn ikun xieraq.

15. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi b'mod attiv għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO. Il-Kunsill jappella lill-Aġenzija tapprofondixxi d-djalogu man-NATO, inkluż, fost l-oħrajn, dwar it-teknoloġiji emerġenti u fixkiela. F'konformità mal-prinċipji gwida maqbula, li jrawmu l-inklużività u r-reċiproċità, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni bla bżonn mal-inizjattivi eżistenti f'kuntesti istituzzjonali oħra, jenħtiegħ li l-Aġenzija f'dan ir-rigward tfittex koerenza fir-riżultat, inkluż fir-rigward tas-CDP u l-CARD u l-proċessi rispettivi tan-NATO.
16. Jinnota b'sodisfazzjon il-progress li sar matul is-sena li għaddiet fid-delineazzjoni ta' Arranġament Amministrattiv bejn l-Aġenzija u d-Dipartiment tad-Difiża tal-Istati Uniti.
17. Jappella lill-EDA tagħmel użu mill-Arranġamenti Amministrattivi eżistenti ma' partijiet terzi, kif xieraq, u jhegġegħ lill-Aġenzija tkompli tesplora relazzjonijiet ta' ħidma possibbli ma' sħab oħra, abbażi tar-reċiproċità u l-benefiċċju reċiproku, bi trasparenza sħiħa mal-Istati Membri u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-EDA.
18. F'konformità mal-prinċipji għall-kooperazzjoni ma' partijiet terzi maqbula mill-Bord ta' Tmexxija f'Novembru 2021, il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-Aġenzija tiżgura l-monitoraġġ adatt u regolari tal-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fl-attivitajiet tal-EDA, li għandhom jiġu ppreżentati kull sena lill-Istati Membri.
19. Fuq gwida ulterjuri tal-Istati Membri u b'koerenza sħiħa mal-isforzi relatati mwettqa minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, il-Kunsill jistieden lill-Aġenzija tkompli żżid il-kapaċità tagħha li tittratta u tiskambja informazzjoni klassifikata tal-UE. Hija u tagħmel dan, l-Aġenzija ser tqis il-ħtiġijiet tal-Istati Membri u ser tkompli tiżviluppa l-pjattaforma diġitali li tippermettilhom jaċċessaw id-data pprovduta fil-kuntest tal-CARD, il-PESCO u inizjattivi rilevanti oħra ta' difiża tal-UE, u tirrapportahom lura dwar il-progress li jinkiseb matul l-2023.